ENGENUITY LTD.
Building Services Contractors
Triq tal-Hlas, Qormi, QRM 5011 Malta
TEl: 21400957/9 Fax: 21490964
E-mail: admin@engenuity.com.mt
Mob: 79429637



fl'1788 iż-Żekka ġiet ittrasferita fil-Palazz tal-Konservatorija. Sfortunatament, il-Berġa ta' Franza m'għadiex aktar għax iġġarfet mill-bombi Ġermaniżi waqt attakk mill-ajru fil-gwerra.

F'bejgħ b-irkant li sar nhar it-8 ta' Marzu 1706, il-Balliju Fra Trajano Gironda xtara għas-somma ta' 2,015 Scudi d-dar numru 34 Triq iż-Żekka, fil-kantuniera ma' Triq San Ġwann. Fra Gironda miet fl-1719 u fid-dis-proprium tiegħu ħalla li d-dar għandha tkun amministrata mil-kavallieri li kienu jgħixu fil-Camerata, għal kera' ta' 60 Scudi fis-sena u li bihom kellu jsir quddies għal ruħu.



Faċċata tal-Berġa ta' Franza kien hemm tlett idjar imsejħa Maisons Demandlox, għal Balliju Fra Balthassar Demandolx, ġeneral tal-Galeri u li kien iffavurit ħafna mal-Gran Mastru Lascaris. Hu maħsub li d-diżinn ta' dawn id-djar kien tal-famuż Carapecchia. Fl-1652 il-Balì Demandolx biegħ id-djar lil-Gran Mastru Lascaris; fl-1736 dawn id-djar waqgħu f'idejn il-Fundazzjoni Cottoner u fl-1800 ittieħdu mil-Monte di Pietà e Redenzione. Waħda minn dawn id-djar iġġarfet fil-gwerra, waqt li dik li għandha l-bieb fi Triq iż-Żekka tifforma parti mill-Ministeru tal-Finanzi.

Fik li aħna nafu bħala l-Mużew ta' l-Arti, oriġinaljament kienet waħda minn żewġt idjar mibnija fuq art mixtrija fl-1569 mil-kavallier Fra Jean de Soubiran di Arafat tal-Lingwa ta' Provenzja u li kien issielet fl-Assedju l-Kbir. Din id-dar għanda l-parti sostanzjali minnha fi Triq iż-Żekka. Kienu bosta dawk il-kavallieri ta' grad għoli li għexu hemm, sa ma twaqqgħet u reġgħet imbniet bejn l-1761 u 1763. Fl-1785 għex fiha l-famuż Pierre André Suffren de Saint Tropez, Kaptan ġenerali tal-Galeri tal-Ordni, li miet tlett snin wara. Beda joqgħod fiha s-segretarju tal-Gran Mastru Hompesch. Il-Franċiżi bidlulha isimha għal "Casa Miari", u wara l-imblokk kien mar joqod hemm il-Kaptan Sir Alexander Ball, RN, kmandant tat-truppi Ngliżi u Maltin. Fid-dar għexu ħafna nies distinti fosthom l-E.T. d-Duka t'Orleans u Alexander Macaulay, Segretarjru tal-Kummissarju Ċivili. F'Jannar tal-1821 id-djar ittiedu mil-Ammiraljat Ingliż u wara saru r-residenza uffiċċjali tal-Kmandant tal-Flotta Brittanika fil-Mediterran. Fl-1961 dawn id-djar sar l-propjreta' tal-Gvern Malti u ġew mindula f'mużew.

Binja oħra li twaqqgħet fl-aħħar tas-seklu dsatax biex minflokha jinbnew appartamenti hi Casa Casaux li kienet tokkupa n-numri 115 u 116 fi Triq iż-Żekka. Kienet id-dar tal-familja de Beon de Casaux li kellha numru ta' membri fi ħdan l-

C. Camilleri & Sons Ltd.
SINCE 1843
INCORPORATING C.CAMILLERI & SONS • THE OLDEST FIRM OF ENGLISH AND FRENCH CONFECTIONERY
Since 1843
IMPORTERS OF CHOCOLATE, CONFECTIONERY, BISCUITS & DIABETIC PRODUCTS CATERERS FOR ALL FUNCTIONS
49-51, Merchants Street, Valletta
13-20, M. Borg Gauci Street, Tal-Handaq Qormi
Tel: 21472255 Fax: 21472244